MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 40/2009

**Mobisle Communications Limited
(C-24655)**

**vs**

**AO Operations Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta l-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u sitta u sittin Euro u seba' centezmi (€1,566.07), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 754 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tat-30 ta' Ottubru, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta illi giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ elf, hames mija u sitta u sittin Euro u seba’ centezmi (€1,566.07), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------